XGĦA JRA

Minuti tal- laqgħa Nru.36 (Sitta u Tletin) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill l- Erbgħa, 22 t'Awissu ,2012 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Il-Kunsilliera | Azzopardi Joseph |
| | Buhagiar Mario |
| | Buttigieg Antonia |
| | Decelis M Claire |
| **L-Uffiċċjali:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati. .

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

3.1 Is-Sindku qal li l-problema tat-trasport tas-sludge għada l-istess u r-riħa għada l-istess mat-triqat minn fejn jgħaddi wara li jkun ġej lura vojt. Fil-waqt li l-operaturi ta' l-Impjant (WSC) qedgħin jirrapurtaw li issa kważi t-tankijiet kollha huma ssiġillati.

3.2 Is-Sindku qal li ser nibgħatu ittra lir-residenti tal-madwar l-impjant sabiex min irid jattendi għall-laqgħat tal-Minitoring Committee tal-SSTP jista' jikkuntattja lill-Kunsill u ninfurmawh bid-data u l-ħin ta' kull laqgħa.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.3 Is-Sindku tkellem fuq il-proġett u qal li dan l-aħħar iltqajna ma' l-Enemalta flimkien mal-Perit tal-Kunsill sabiex nagħmlu l-pipijiet tal-cables flok il-culvert li oriġinarjament kien mitlub mill-M EPA. L-Enemalta qalulna li huma b'żewġ katusi tat-8 imdawwrin mal-proġett kollu jkunu kuntenti w importanti li jkun hemm kaxxa kull madwar 15 il-metru. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir bil-ħaddiema tal-IPSL sabiex niffrankaw xi ħaġa tal-flus apparti f'xi parti tat-triq li rridu nikru makkinarju adegwat sabiex nifthu l-wiċċ tat-triq ħalli jgħaddu dawn il-pipijiet. Issa nistennew li nibdew dan ix-xogħol.

.

3.4 Is-Sur Valvo qal ukoll li din il-ġimgħa kellna laqgħa mat-Transport Malta u l-Kuntrattur tagħhom sabiex jibda x-xogħol fuq il-holding wall li jrid jitkompla minn fejn is-sala sar-rampa minn fejn tidħol għas-sala. Apparti hekk trid issir rampa ġdida w aktar pulita. Issa jmiss li l-Mepa tagħmel il-linji tal-bini sabiex jibdew ix-xogħol. Il-Kunsill irid jieħu ħsieb li l-Bring in-Site li hemm fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja quddiem il-grawnd jitmexxew temporanjament għal Fort Park, u għalhekk nifthu biċċa miċ-ċint tas-sejjiegħ bil-ħaddiema tagħna sabiex ikunu aċċessibbli.

3.5 Is-Sindku qal li fuq it-tender tal-madum u l-aperturi qiegħdin naħdmu fuqhom mal-Perit fejn irid jagħtina l-BOQs tagħhom.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda: L-infieq għax-xhar ta' Lulju, 2012 ġie approvat.

5. Item Nru. .5 fuq l-Aġenda – Ġemellaġġ

5.1 Is-Sur Valvo tkellem fuq iż-żjara li għamel il-Kunsill fil-villaġġ ta' Colletorto sabiex nibdew id-diskussjonijiet ta' Ġemellaġġ. Il-Kunsill ta' Colletorto mill-Italia għamel applikazzjoni ta' European Citizenship mal-Unjoni Ewropea fejn biha laqgħu w ospitaw lill-Kunsill tagħna u Kunsilli minn Franza u l-Polonja.

Is-Sur Valvo qal li ż-żjara kienet ta' suċċess u kellna ospitalita' tajba ħafna. Kellna biss inċident żgħir fl-aħħar ġurnata fejn persuna mill-grupp tilfet netbook u bħalissa qegħdin naħdmu ma' l-Insurance sabiex naraw kif ser tagħmel il-claim.

XGĦAJRA

Il-Kunsilliera kollha qablu li kienet żjara ta' suċċess fejn kulħadd għamel ħbieb ġodda u li jkun għaqli li nkomplu l-kuntatt tagħna magħhom permezz tal-ġemellaġġ uffiċjali. Waqt din iż-żjara ġiet ippreżentata applikazzjoni minn Colletorto sabiex nuru l-interess tagħna fuq exchange ta' proġett ta' sports fejn il-parteċipanti ser ikunu Colletorto, il-Polonja, Ċipru u x-Xgħajra. L-applikant huwa Colletorto u din hija opportunita' għax-Xgħajra sabiex residenti żagħżagħ jkunu jistgħu jitħalltu ma' żagħżagħ oħra. Id-dettalji ta din l-applikazzjoni qiegħdha tieħu ħsiebhom Claire Decelis.

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

6.1 Is-Sindku qal li qabel li morna l-Italia huwa u s-Segretarju kellhom laqgħa mas-Sur Charles Bonello (OPM) u d-Direttur tal-Kunsilli Lokali u tkellimna kemm fuq is-shortfalls li għandu l-Kunsill fil-finanzi kif ukoll fuq dawk l-applikazzjonijiet li għandna għal fondi speċjali liema proġetti b'kollox jammontaw għal €160,000. Il-laqgħa kienet posittiva u ser nibgħatulu l-accounts biex nissostanzjaw l-argument.

6.2 Is-Sur Valvo qal li s-sitwazzjoni fuq l-accountant tal-Kunsill għada l-istess fejn ix-xogħol qiegħed ikompli jakkumula u għalhekk qal li trid tinħareġ kwotazzjoni mill-aktar fis.

.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda - Aġġornament

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta, 18 ta' Settembru, 2012, fis-6.00pm

, .

Segretarju Eżekuttiv — Sindku

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt